**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

## Is-7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 80/2018

**21 ta' Frar, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera
James Cauchi - Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Ivan Agius – Vici-Sindku
Pablo Cachia Belli – Kunsillier

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

## 80.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

80.1.1 Ma kienx hemm

## 80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

80.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 78 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

80.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

80.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

80.2.4 Il-minuti ta' seduta (b'urgenza) numru 79 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

80.2.5 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

89.2.6 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

## 80.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

80.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienet ittellghet attivita' relatata mal-karnival nhar il-Hadd 4 ta' Frar 2018. Is-Sindku ziedet tghid illi l-attivita' setghet titqies bhala success kemm mil-lat ta' attendenza mill-pubbliku kif ukoll mill-organizzazzjoni

80.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara laqghat li kellha ma' rapprezentanti tal-Works Division u tal-Universita' Amerikana ta' Malta kien gie stabbilit illi kellha tinghalaq ghat-traffiku parti minn Pjazza Gavino Gulia, mizura li kienet giet implimentata.

80.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi sett ta' bye-laws li kien abbozza l-Kunsill Lokali ghal reklamar fuq ghamara tat-toroq kienu dehru fil-gazzetta tal-Gvern wara li kienu gew approvati u kienu mistennija jidhlu fis-sehh f'qasir zmien.

80.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'arrangamenti li kienu saru bejn il-Kunsill Lokali, l-Awtorita' tad-Djar u Enemalta bil-ghan illi jigi modifikat *street lighting* li kien hemm fiz-zona ta Triq Hanover. L-inizjativa sehhet b'konnessjoni ma'

progett li l-Awtorita' tad-Djar kienet ser tkun qieghda timplimenta fiz-zona ta' Triq Hanover, liema progett kien jinkludi fost ohrajn it-twaqqigh ta' bini u bini ta' appartamenti godda.

80.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet iltaqghet ma' rapprezentanti tad-Divizjoni tax-Xogholijiet u ddiskutiet problemi li kien hemm b'konnessjoni ma' zewg funtani li kien hemm fil-lokalita' u li ma kienux qieghdin jiffunzjonaw.

80.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien ma' rapprezentanti tal-Kunsill Lokali u tal-Kunsill Lokali tal-Isla kienet iddiskutiet attivita' relatata mal-ftuh ufficjali ta' *hotel* fl-Isla, liema attivita' kienet ser tkun qieghda tinzamm nhar l-4 ta' Mejju 2018.

80.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet iltaqghet mas-Supretendent tal-Ghassa tal-lokalita' u kienet iddiskutiet diversi materji.

80.3.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokal illi kien intlehaq ftehim mal-ghaqda *Sons of Archery* ghal uzu ta' art fi Triq il-Gublew tal-Fidda. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, kien ser ikun qieghed jigi diskuss fost l-ohrajn l-aspett ta' indafa taz-zona in-kwistjoni.

80.3.9 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet iltaqghet mal-organizzazzjonijiet Cross Culture u FOPSIM u kienu gew diskussi progetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja li l-istess organizzazzjonijiet kienu qieghdin jiehdu hsieb u l-possibilita' ta' kollaborazzjoni min-naha tal-Kunsill Lokali.

## 80.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

80.4.1 Ma kienx hemm.

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier James Cauchi ( 17:45)

## 80.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

80.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru. 02/18) ghall-approvazzjoni.

80.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Antonia Perini ssekondat mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

80.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Jannar ghall-approvazzjoni.

80.5.4 Fuq proposta tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mis-Sur Ivan Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier Ivan Agius (18:00)

## 80.6 Sejhiet ghall-Offerti

80.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul, kienet inharget sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' gbir ta' skart goff mil-lokalita'. Fir-rigward, u in-vista' tar-regolamenti godda dwar il-proceduri ta' akkwist li kienu inhargu, il-Kunsill Lokali kellu jahtar tliet evalwaturi li kellhom ikunu *accountant,* avukat u persuna teknika rigward il-materja.

80.6.2 Fuq proposta tas-Sur Ivan Agius ssekondata mis-Sa. Alison Zerafa Civelli, il-Kunsill Lokali qabel illi l-accountant li kellu jinhatar bhala evalwatur ghas-sejha ghall-offerti kellu jkun is-sur Kevin Farrugia, accountant tal-Kunsill Lokali.

80.6.3 Is-Sur Pablo Cachia Belli ressaq proposta sabiex Dr. Albert Zerafa jinhatar bhala evalwatur fis-sejha ghall-offerti.

F'dan l-istadju is-Sa. Alison Zerafa Civelli ddikjarat li kellha kunflitt ta' interess peress illi Dr. Zerafa kien qarib taghha u halliet il-kamra tas-Seduta

80.6.4 Is-Sur Roderick Mamo ssekonda l-proposta tal-Kunsillier Cachia Belli li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti.

F'dan l-istadju is-Sa. Alison Zerafa Civelli rritornat lura ghas-seduta.

80.6.5 Fuq kunsiderazzjoni tal-Kunsillier James Cauchi ssekondat mis-Sur Pablo Cachia Belli u b'votazzjoni unanima, il-Kunsill Lokali ddecieda illi s-Sur Svetlick Flores kellu wkoll jinhatar evalwatur ghas-sejha ghall-offerti in-kwistjoni. Is-Sinjuri Lydon Vella u Brian Loffreda kellhom ikunu mahtura *opening staff*.

80.6.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokal illi kienu waslu fil-fazijiet finali il-preparamenti sabiex tinhareg sejha ghall-offerti ghal fanali ornamentali f'numru ta' toroq hekk kif deciz mill-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet li ghaldaqstant, kien ikun ghaqli li l-Kunsill Lokali jilhaq jahtar l-evalwaturi ghas-sejha ghall-offerti.

80.6.7 Fuq proposta tas-Sur Ivan Agius ssekondata mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali qabel illi l-accountant li kellu jinhatar bhala evalwatur ghas-sejha ghall-offerti kellu jkun is-sur Kevin Farrugia, accountant tal-Kunsill Lokali.

80.6.8 Is-Sur Pablo Cachia Belli ressaq proposta sabiex Dr. Albert Zerafa jinhatar bhala evalwatur fis-sejha ghall-offerti.

F'dan l-istadju is-Sa. Alison Zerafa Civelli ddikjarat li kellha kunflitt ta' interess peress illi Dr. Zerafa kien qarib taghha u halliet il-kamra tas-Seduta

80.6.9 Is-Sur Roderick Mamo ssekonda l-proposta tal-Kunsillier Cachia Belli li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti.

F'dan l-istadju is-Sa. Alison Zerafa Civelli rritornat lura ghas-seduta.

80.6.10 Is-Sur Pablo Cachia Belli ressaq proposta sabiex is-Sur Adrian Dominic Bartolo, persuna teknika fl-elettriku jinhatar evalwatur fis-sejha ghall-offerti. Is-Sur Roderick Mamo ssekonda l-proposta tas-Sur Belli li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti. Is-Sinjuri Ramona Falzon Gatt u Brian Loffreda kellhom ikunu mahtura *opening staff.*

## 80.7 Zamma u manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fi Gnien Santa Margerita

80.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi ftehim li l-Kunsill Lokali kellu mas-sur Joseph Ellul ghaz-zamma u manutenzjoni ta' latrina pubblika li kienet tinstab fi Gnien Santa Margerita kien ghalaq. Ghaldaqstant, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet hasbet sabiex tipprepara abbozz ta' ftehim gdid. Is-Sa. Zerafa Civelli ghaddiet sabiex taqra l-abbozz li kien thejja li sussegwentement gie diskuss bejn il-Kunsilliera prezenti

80.7.2 Fuq kunsiderazzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi ghandu jigi ffirmat kuntratt gdid mas-sur Ellul skond l-abbozz imressaq.

## 80.8 Estimi Finanzjarji 2018

80.8.1 Is-Sindku qalet illi wara li fis-seduta precedenti minhabba ragunijiet ta' natura teknika ma setax ikun iffinalizzat l-abbozz tal-estimi finanzjarji ghas-sena 2018, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet hadmet fuq il-materja u ressqet fuq il-mejda tal-Kunsilll Lokali rapport tal-estimi finanzjarji ghall-2018 iffinalizzat. Is-Sindku stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega lill-Kunsilliera fid-dettall, l-estimi tad-dhul u infiq flimkien mal-bqija tal-kontenut relevanti tad-dokument in-kwistjoni.

80.8.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettall l-estimi finanzjarji ghas-sena 2018 u wiegeb mistoqsijiet li saru minn kunsillera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondata mis-Sur Ivan Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif imressaq.

## 80.9 Performance Appraisal tal-eks Segretarju Ezekuttiv

80.9.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performace appraisal report* ghall-eks Segretarju Ezekuttiv Is. Sa-Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet il-hidma tas-Sur Caruana, kienet qieghda tirrakkomanda illi huwa jinghata l-massimu ta' 10% bhala *performance bonus*.
Fuq kunsiderazzjoni tas- Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondat mis-Sur Ivan Agius il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi s-Sur Caruana jinghata 10% bhala *performance bonus*

## 80.10 Pjan ta' Hidma 2018 - 2020

80.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi kienu waslu fil-fazijiet finali l-preparamenti tal-pjan ta' hidma ghas-snin 2018-2020. Fir-rigward, minkejja li kienet diga' giet mitluba l-kollaborazzjoni tal-Kunsilliera, is-Sindku hegget lil dawk prezenti sabiex kemm il-darba kellhom xi xogholijiet li xtaqu li jdahhlu fil-pjan ta' hidma javvicinawha sabiex tigi evalwata s-sostenibilita' u r-relevanza tax-xoghol in-kwistjoni sabiex eventwalment, u kemm il-darba ikun possibbli jigi inkluz fil-pjan ta' hidma.

## 80.11 Rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Ottubru - Dicembru 2017

80.11.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Ottubru- Dicembru 2017 u stiednet lis-Segretarju

Ezekuttiv sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata tal-istess rapport.

80.11.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif matul l-2017, id-dhul tal-Kunsill Lokali kien xi ftit inqas minn dak previst. Madanakollu peress li n-nefqa tal-Kunsill Lokali wkoll kienet inqas mill-previst, il-Kunsill Lokali rnexxielu jaghmel surplus ta' €84 843 liema surplus kien jeccedi l-€43 004 tal-previzjonijiet skont l-estimi finanzjarji ghas-sena 2017.

80.11.3 Wara li s-Segretarju kompla jispjega r-rapport u wiegeb ghal mistoqsijiet li sarulu, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Ivan Agius ssekondat mis-Sur Pablo Cachia Belli u b'votazzjoni unanima, ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Ottubru-Dicembru 2017 gie approvat hekk kif imressaq.

**80.12 Grawnds Peppi Delceppo**

80.12.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-Perit tal-Kunsill Lokali kienet hadet hsieb taghmel revizjoni tal-pjanti u stimi ghall-progett tal-grawnds Peppi Delceppo li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jimplimenta. Fir-rigward, l-istima tax-xogholijiet kienet tnizzlet ghal madwar €200 000 wara li kienu gew eliminati xi xogholijiet. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, il-Kunsill Lokali kien qieghed jevalwa l-possibilita' illi apparti fondi li kienu ser ikunu qieghdin jinkisbu permezz tal-iskema ghall-progetti kapitali mnehdija mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, jigu utilizzati fondi mill-iskema Urban Improvement Fund tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Dan minbarra li kienu ghaddejjin in-negozjati sabiex jigu ffirmati l-kuntratti ma' negozjanti privati li setghu jaghmlu tali progett possibbli.

**80.13 Gieh Bormla 2018**

80.13.1 Is-Sindku qalet illi wara li l-Kunsill Lokali matul l-2017 kien iddiskuta l-eventwalita' li tinholoq kompetizzjoni ghad-disinn ta' memento li jintuza ghal Gieh Bormla u ghal rikonoxximenti li jinghataw annwalment fl-okkazjoni ta' Jum Bormla. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi kemm il-darba l-Kunsill Lokali kien interessat illi jimplimenta l-proposta, kien jinhtieg illi jigi avvjat il-process ta' kompetizzjoni ghal artisti sabiex ghal novembru, il-Kunsill Lokali ikollu d-disinn maghzul u jigi ordnat ix-xoghol

80.13.2 Wara diskussjoni libera, gie deciz illi s-Segretarju Ezekuttiv, flimkien mal-Kunsillier Roderick Mamo kellhom jiehdu hsieb ifasslu linji gwida li kellhom jigu uzati bhala kriterja mill-artisti. Eventwalment, il-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti l-

linji gwida u jevalwa s-sitwazzjoni u jiehu d-decizjonijiet li jidhirlu xierqa.

## 80.14 Ghid il-Kbir 2018

80.14.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg li jigu diskussi l-attivitajiet tal-Ghid il-Kbir ghas-sena 2018. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fl-opinjoni taghha, ma kellu jkun hemm ebda tibdil fil-permessi tal-gabbani li jintramaw fil-lokalita'. Dan fid-dawl tal-fatt illi l-permessi mahruga matul l-2017 ma kienux holqu problemi. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kellha tiehu hsieb tohrog permessi lil dawk li japplikaw skont il-postijiet li kienu inhargu matul l-2017. Kien hemm qbil ukoll illi bhalma kien sehh fis-snin imghoddija, kellha tigi ordnata figolla sabiex tintuza f'Hadd il-Ghid waqt ic-celebrazzjonijiet tal-Ghid il-Kbir.

80.14.2 Is-Sa. Zerafa Civelli infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet iltaqghet ma' rapprezentanti tal-klabb tar-Regatta tal-lokalita' u kien intlehaq qbil illi opra tal-bahar gdida li kienet ser tkun qieghda titlesta f'Marzu 2017 tigi mbierka u inawgurata f'Hadd il-Ghid fi Pjazza Santa Margerita bhala parti mic-celebrazzjonijiet tal-Ghid il-Kbir.

80.14.3 Is-Sindku qalet li li kien jinhtieg li l-Kunsill Lokali jiehu decizjoni dwar jekk kelllux jiehu hsieb jorganizza bibita fl-okkazjoni tal-Ghid il-Kbir hekk kif kien sehh fis-snin imghoddija. Wara diskussjoni libera dwar il-materja, kien hemm decizjoni li l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kellha tiehu hsieb tigbor l-istimi sabiex tkun tista' tittiehed decizjoni dwar il-materja.

## 80.15 Local Government Culture Fund 2018-2020

80.15.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' applikazzjoni li kien issottometta l-Kunsill Lokali sabiex itella' attivita' permezz ta' eventwali fondi tal-Local Government Culture Fund 2018-2020, il-Kunsill Lokali kien gie mgharraf illi l-istess Kunsill Lokali kien ser ikunu qieghed jinghata fondi. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, permezz ta' ittra, l-Kunsill Lokali kien gie infurmat illi kienu ser ikunu qieghdin jigu allokati €8000 sabiex tittella' l-attivita' proposta mill-Kunsill Lokali ta' Bormla. Il-Kunsill Lokali gie mgharraf ukoll bi kriterji li l-attivita' kellha tissodisfa.

80.15.2 Is-Sindku qalet illi fl-opinjoni taghha, il-Kunsill Lokali kellu jaghmel kuntatt mas-Sinjuri Joseph Galea u Pierre Bugeja, u filwaqt li jirringrazzjahom tal-kontribut

taghhom fl-abbozzar tal-attivita' proposta, jitlobhom jevalwaw il-possibilita' illi jikkontribwixxu ghall-implimentazzjoni tal-istess attivita'. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi s-sinjuri msemmija kellhom jigu kkuntattjati hekk kif propost.

**80.16** **Mozzjonijiet**

80.16.1 Ma kienx hemm

**80.17** **Rapporti**

80.17.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali qabel illi l-Kazin tal-Banda San Gorg kellu jressaq talba li ghamel lill-Kunsill Lokali ghal *un/loading bay* lil Transport Malta.
- B'votazzjoni unanima kien hemm qbil illi ma kellha tinsab ebda oggezzjoni ghal talba li kien ghamel il-kazin tal-banda San Gorg sabiex jitpoggew siggijiet matul ir-rotta tal-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira. Fir-rigward, kien hemm qbil ukoll illi kellha tinkera P.A. system ghal attivita' li kienet ser tittella' fi Pjazza Paolino Vassallo.
- Filwaqt li ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba ghal reserved parking bay li kien hemm fi Triq Matty Grima, kellha tintbaghat ittra lil Transport Malta sabiex kemm il-darba tigi approvata l-istess reserved parking bay ma ssirx fi pjazza li kien hemm fl-istess triq minhabba nuqqas ta' spazju.
- Il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jsir reklam (*full page black & white*) bi spiza ta' €100 f'publikazzjoni li kienet ser tinhareg mic-Centru 19 ta' Novembru 1944 fl-okkazjoni tal-Gimgha mqaddsa.
- Kien hemm qbil illi kellha titnaqqas is-somma ta' €2.33 fix-xahar mill-*allowance* tas-Sindku u Kunsilliera, liema fondi kellhom jigu mhgoddija lill-Malta Community Chest Fund.
- Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera illi kienet qieghda tigi diskussa ma' Transport Malta korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva rigward problem ta' access li xarabanks tal-iskejjel kienu qieghdin isibu kull nhar ta' Tlieta filghodu.
- Kellu jsir kuntatt mas-Sa. Rita' Baldacchino bil-ghan illi tigi diskussa mas-Segretarju Ezekuttiv stima li l-istess Sa. Baldacchino kienet baghtet sabiex jittellghu korsijiet ta' embroidery, ganutell u parcmina.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi talba li s-sur Roy Haynes baghat lill-Kunsill Lokali dwar mazzra ghall-opra tal-bahar Florette kellha tintbaghat mill-istess sur

Haynes lill-Grand Harbour Marina.
- Inqrat korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand is-Sur Antoine Zammit rigward mawriet kulturali.

80.17.2 Is-Sindku pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport dwar tabelli u sinjali tat-traffiku li kienu jintiegu manutezjoni jew bidla ( Area ‘1’). Wara li gie evalwat ir-rapport li jinstab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti ( DOK “C”), bi qbil unanimu gie deciz illi kellha ssir ordni ghax-xogholijiet.

80.17.3 Is-Sindku pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport dwar tabelli u sinjali tat-traffiku li kienu jintiegu manutezjoni jew bidla ( Area ‘3’). Wara li gie evalwat ir-rapport li jinstab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti ( DOK “D”), bi qbil unanimu gie deciz illi kellha ssir ordni ghax-xogholijiet.

80.17.4 Is-Sindku pprezentat tliet kwotazzjonijiet ghal stampar ta’ business cards b’erba’ disinji differenti. Wara li gew diskussi l-kwotazzjonijiet, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jaccetta l-irhas offerta.

80.17.5 Is-Sindku pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta’ publikazzjoni li l-amminsitrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hejjiet b’konnessjoni ma’ decizjoni li kienet ittiehdet f’seduti precedent flimkien ma’ stimi ghall-istampar tal-istess publikazzjonil. Wara li gie approvat id-disinn propost, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi l-publikazzjoni kellha tigi stampata minghand l-offerent li kien ghadda l-irhas kwotazzjoni.

80.17.6 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali, kwotazzjonijiet li kienu ingabru b’konnessjoni ma’ xiri ta’ CCTV cameras. Fir-rigward, is-Sindku sahqet illi wara Ii kienu insterqu batteriji ta’ vetturi tal-Kunsill Lokali, flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadet hsieb tigbor kwotazzjonijiet sabiex il-binja tal-Kunsill Lokali tkun koperta b’CCTV cameras. Fir-rigward, minkejja li intalbu aktar, il-Kunsill Lokali kien ircieva biss zewg stimi. Wara li l-imsemmija stimi gew diskussi fid-dettall, kien hemm decizjoni li l-Kunsill Lokali kellu jikseb it-tielet stima u jigi ordnat ix-xoghol minghand l-irhas offerent.

80.17.7 Is-Sindku qrat rapport li kien sar lill-pulizija b’konnessjoni ma’ *deposit bag* li l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hejjiet izda li ghal xi raguni ma’ kienx wasal fid-destinazzjoni tieghu. Fir-rigward, is-Sindku ghaddiet lill-Kunsill Lokali dettalji dwar l-incident u sahqet illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet iddiskutiet x’seta sehh minghajr ma’ instabet konkluzjoni. Is-Sa. Zerafa Civelli qalet illi l-pulizija kienu raw filmati minn CCTV cameras li kien hemm fi Pjazza Gavino Gulia u gewwa l-fergha tal-Bank of Valletta, liema filmati ma kienu xehtu

ebda dawl fuq l-incident. Hija ziedet tghid illi l-istess Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jghaddi kopja tal-filmati ta' CCTV cameras illi kien hemm fil-binja amministrativa lill-pulizija.

Segwiet diskussjoni libera, li matulha il-Kunsill Lokali ddiskuta l-incidenti u eventwali passi li setghu jittiehdu sabiex is-sitwazzjoni tigi ratifikata. Is-Segretarju Ezekuttiv sahaq illi filwaqt li fid-dawl tal-fatti li kellu f'idu ma' setax jasal ghal konkluzjonijiet, kien ser ikun qieghed jiehu l-mizuri kollha li kien ihoss xierqa sabiex tigi mxejna l-possibilita' li tali incident jirrepeti ruhu. Is-Sur Hall semma' fost l-ohrajn li kien ser ikun qieghed jikseb stimi sabiex it-trasport ta' kontanti u cekkijiet isir minn kumpaniji specjalizzati u mhux mill-impjegati tal-Kunsill Lokali.

F'dan l-istadju is-Sindku ghaddiet mozzjoni li giet approvata b'votazzjoni unanima sabiex is-seduta tal-Kunsill Lokali tigi sospiza temporanjament bil-ghan illi l-Kunsillera jinghataw l-opportunita' illi jaraw il-filmati precedentement imsemmija qabel tkompli d-diskussjoni sabiex ikunu f'pozizzjoni ahjar li jiehdu eventwali decizjonijiet. (19.45)

Is-Seduta tkompliet wara li l-Kunsilliera raw il-filmati u regghu lura madwar il-mejda tal-Kunsill Lokali (20:10)

Wara diskussjoni libera, li matulha gie stabbilit illi fid-dawl tac-cirkostanzi, ma kienx ikun ghaqli li l-Kunsill Lokali jasal ghal konkluzjonijiet ghaliex l-evidenza li seta' jiddisponi minnha kienet limitata. Bi qbil unanimu, gie deciz illi l-pulizija kellha tintalab tevalwa l-kaz sabiex il-Kunsill Lokali ikun f'pozizzjoni ahjar li jiehu decizjonijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi fil-frattemp kien ser ikun qieghed jiddiskuti mal-kumpanija ta' assikurazzjoni l-possibilita' illi l-Kunsill Lokali jirkupra l-fondi.

**80.18 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta giet fi tmiemha fid-8:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 21 ta' Marzu 2018 fis-5:30p.m.

Konfermati, illum 28 ta' Marzu, 2018.

| | |
|---|---|
| *IFFIRMATA* | *IFFIRMATA* |
| ____________________ | ________________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |